# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Numru 2331

Kaz Nru: 3116 / ET

Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn

Christopher Cardona

u

Malta Dairy Products Ltd

Illum : 4 ta' Dicembru, 2014

*dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt

**Introduzzjoni**

B'dikjarazzjoni pprezentata fir-registru tal-Qrati Superjuri fl-4 ta' April 2013, ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni mill-impjieg minn mas-socjeta' ntimata ma saritx ghal raguni gusta. Ir-rikorrent iddikjara li hu gie terminat fil-25 ta' Frar 2013, b'ittra mis-socjeta' ntimata bl-istess data, fuq bazi ta' dixxiplina. Ir-rikorrent kompla jiddikjara li l-procedura fejn jidhol il-Bord ta' Dixxiplina ma kienetx gusta fil-konfront tieghu ghax il-prassi kienet li l-Bord ikun kompost minn persuna wahda ndipendenti mentri fil-kaz tieghu il-Bord kien kompost minn tlett persuni li jokkupaw pozizzjoni manigerjali fis-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata fir-risposta taghha sostniet li r-rikorrent kellu storja ta' kazijiet ta' nsubordinazzjoni matul l-impjieg, izda li t-tkeccija ma waslitx ghaliha minhabba hekk. Is-socjeta' ntimata bazikament iddecidiet li tasal ghat-tkeccija fuq l-ahhar zewg 'notice of charge' dak ta' 20 ta' Novembru, 2012 u dak ta' 9 ta' Jannar , 2013. Is-socjeta' tenniet li fit-2012 harget tlett 'notice of charge' lir-rikorrent. Il-kaz tan-notice of charge ta' 20 ta' Novembru, 2012 kien jinvolvi ncident vjolenti mir-rikorrent, filwaqt li n-notice of charge tad-9 ta' Jannar 2013, kien jinvolvi kaz ta' *emergency leave*.

Is-socjeta' ntimata ressqet lir-rikorrent quddiem, hekk imsejjah 'Disciplinary Hearing' fit-29 ta' Jannar 2013, fuq dawn iz-zewg 'charges' fejn ir-rikorrent kien assistit mill-Union tieghu. Is-socjeta' sabet lir-rikorrent hati fuq iz-zewg charges u tterminat l-impjieg fil-25 ta' Frar 2013. Is-socjeta ddikjarat li t-tkeccija saret ghal ragunijiet tajbin u sufficjenti skond il-ligi.

**<u>Fatti</u>**

Ir-rikorrent gie mpjegat mas-socjeta' ntimata fil-5 ta' Frar 1991 full time bhala labourer b'kuntratt indefinit. Ir-rikorrent gie tterminat fil-25 ta' Frar 2013, b'íttra bl-istess data ffirmata mis-Sur James Genovese, H.R. Executive.

Bejn Mejju 2012 u Jannar 2013 is-socjeta' ntimata harget erba' *notice of charge* lir-rikorrent bl-ahhar tnejn iwasslu ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg.

Fil-15 ta' Gunju 2012 is-socjeta' harget *written warning* fuq *notice of charge* meta r-rikorrent irraporta sick u t-tabib ma sabux id-dar. Ir-rikorrent ma kienx wiegeb ghac-*charge*.

Fis-26 ta' Ottubru 2012 is-socjeta harget 'second written warning' ukoll fuq sick leave. F' zewg okkazjonijiet ir-rikorrent irraporta sick izda t-tabib ma sabux id-dar. Ir-rikorrent rega' ma wegibx ghac-*charge*.

Wara dawn z-zewg 'charges' waslu t-tnejn l-ohra li wasslu ghat-terminazzjoni.

Fl-20 ta' Novembru 2012 inhareg *notice of charge* rigward kaz li gara fis-16 ta' Novembru 2012 meta r-rikorrent kellu argument fuq il-post tax-xoghol ma Agent (nru.22) fejn ir-rikorrent uza lingwagg oxxen lejn l-agent u l-familja tieghu, tefalu l-karti ma' l-art u mbuttah b'mod vjolenti ghal barra l-*cold store.*

Ir-rikorrent wiegeb li vera li kellmu hazin u tefghalu l-karti ma' l-art, izda cahad li messu fizikament. Qal li ghamel hekk ghax l-agent gie kmieni qabel hinu u kellu l-haddiehor x'jaqdi.

Il-Kumpanija, fil-5 ta' Dicembru 2012, infurmat lir-rikorrent li l-kaz kien ha jigi ttrattat f'dak li ssejjah 'Hearing' fil-11 ta' Dicembru 2012 fil-boardroom tas-socjeta' ntimata li fil-fatt dan il-'Hearing sar fit-20 ta' Jannar 2013.

Sa ma waslet din id-data s-socjeta' regghet harget *notice of charge* iehor fuq tlett ijiem *unauthorised absence.* Ir-rikorrent wiegeb li ma marx xoghol biex jiehu hsieb missieru li kien ma jiflahx. Is-socjeta' m'accettatx din ir-raguni u ddecidiet li dan in-*notice of charge* jigi ttrattat mac-*charge* l-iehor fid-*disciplinary hearing*.

Fil-25 ta' Frar 2013 is-socjeta' ntimata harget it-*Termination letter* li rreferriet ghaz-zewg *notices of charge* msemmija fuq u ghal *hearing* li sar fid-29 ta' Jannar 2013. L-ittra tispjega kif is-socjeta' sabet lir-rikorrent hati fuq iz-zewg *charges* rigward *gross misconduct* b'referenza ghal proceduri dixxiplinarji stipulati fil-Ftehim Kollettiv tas-socjeta' ntimata u l-ittra fakkret ukoll li r-rikorrent li kellu zewg *notices of charge* ohra attivi kontra tieghu. L-impjieg gie tterminat b'effett immedjat fid-data ta' l-ittra.

**Provi**

F'dawn il-proceduri xehdu : James Genovese – HR Manager MDP, Oscar Attard – Sales Manager MDP, Jonathan Zammit – Sales and Distribution Executive MDP, Martin Grech – Chief Officer MDP, u r-rikorrent.

Gew ipprezentati wkoll diversi dokumenti relatati nkluz dawk mitluba mit-Tribunal.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal, f'dan il-kaz, ghandu biex jikkunsidra l-gravita taz-zewg *charges* li ddeterminaw it-tkeccija u l-proceduri li uzat is-socjeta li wasslu ghat-tkeccija u li huma kontestati mir-rikorrent.

Ir-rekord dixxiplinarju tar-rikorrent ma kien tajjeb xejn. Bejn Mejju 2012 u Jannar 2013 inhargulu erba' *notices of charge* bl-ahhar tnejn iwasslu ghal-tkeccija.

Ic-charge ta' l-20 ta' Novembru 2012 kien jinvolvi lir-rikorrent f'argument fuq il-post tax-xoghol ma' Agent fejn ir-rikorrent uza lingwagg oxxen lejn l-agent, tefghalu l-karti ma' l-art u mbuttah f'mod vjolenti. Fit-twegiba tieghu bil-miktub ir-rikorrent ammetta li kellmu hazin u tefghalu l-karti ma' l-art izda cahad li mbuttah. Izda fix-xhieda tieghu r-rikorrent ammetta ukoll li mbuttah lil Agent. Dan qalu fil-kontro-ezami meta mistoqsi minn Dr. Brincat.

Ir-raguni tar-rikorrent ghal dan l-incident kienet li l-agent gie kmieni qabel hinu u li kellu l-haddiehor x'jaqdi.

In-*notice of charge* l-iehor li hareg fid-9 ta' Jannar 2013 kien jirrigwardja tlett ijiem *emergency leave* biex jiehu hsieb missieru li kien ma jiflahx liema raguni ma gietx accettata mis-socjeta' ntimata u li fil-fatt kien fuq *unauthorised absence*.

Dawn iz-zewg *charges* instemghu fi-*hearing* wiehed fejn ir-rikorrent instab hati fuq it-tnejn u li wasslu ghat-terminazzjoni.

Il-Ftehim Kolletiv tas-socjeta' ntimata, fl-Artiklu 33 – *Disciplinary Procedure* jistabbillixxi car li n-natura taz-zewg kazijiet jaqghu taht sub-artiklu 33.3(d) u (n) – *list of offences considered as Gross Misconduct* u li jekk min jaghmel l-att/i jinstab hati l-mizura/i ta' dixxiplina jistghu jwasslu ghat-tkeccija mmedjata wara li jsiru l-investigazzjonijiet.

It-Tribunal jidhirlu li l-ewwel offiza hija aktar gravi u giet ippruvata anke l-fatt li r-rikorrent uza l-fizika fuq l-Agent. It-Tribunal jinnota wkoll li meta wiegeb bil-miktub ir-rikorrent innega li uza l-fizika izda fix-xhieda ammetta. Dan l-atteggjament assolutament mhux accettabli u jikkonstitwixxi *gross misconduct*. Apparti l-ammissjoni tar-rikorrent il-kaz gie wkoll maqbud biss-CCTV u 'l-footage' jizvela u jikkonferma l-izvolgiment tal-kaz. It-tieni kaz hu serju wkoll u s-socjeta' kienet korretta li akkuzat lir-rikorrent b'*unauthorised absence*.

Ir-rikorrent fid-dikjarazzjoni tal-kaz insista li l-procedura tal-*Hearing* ma kienetx skond il-prassi li l-Bord ikun kompost minn persuna wahda ndipendenti. Fill-fatt il-Bord kien kompost minn tlett ufficjali tal-management tas-socjeta' ntimata.

It-Tribunal jinnota izda li l-Ftehim Kollettiv (Artiklu 33 – Disciplinary procedure) ma jispecifikax u ma jsemmix bl-ebda mod rigward Bordijiet ta' Dixxiplina u l-kif ikunu kostitwiti. Ghaldaqstant is-socjeta' ntimata ma jidhirx li kisret l-ebda procedura hekk kif stabbilita fil-Ftehim Kollettiv. It-Tribunal jinnota wkoll li qabel l-ahhar zewg *notice of charges*, ir-rikorrent kien inaghata zewg *written warnings* f'Mejju u Gunju 2013.

Dan permess, it-Tribunal jikkonsidra li:

It-Tribunal jinnota li s-socjeta ntimata mxiet skond il-proceduri ta' dixxiplina hekk kif stabbiliti fil-Ftehim Kollettiv u jaghraf li z-zewg *notices of charge* li wasslu ghat-tkeccija kienu jikkonstitwixxu 'gross misconduct' partikolarment l-ewwel wiehed li kien jirrigwardja agressjoni u kliem hazin bi provi cari u ammissjoni mir-rikorrent, inkluz CCTV *footage.* Atteggjament assolutament inaccettabli fuq post tax-xoghol.

**<u>Decizjoni</u>**

Mehuda in-konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, ix-xhieda mismugha, d-dokumenti esebiti u s-sottomisjonijet tal-partijiet, it-Tribunal qed jaghti ragun lis-socjeta' ntimata li tittermina l-impjieg tar-rikorrent.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jiddeciedi li s-socjeta' ntimata kienet korretta li tittermina l-impjieg tar-rikorrent ghal-kawzi gusti.

Ghal-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi drittijiet ta' min assista lil-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euro u sbatax-il centezmu ( €93.17).

**Iffirmat : Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt**
**Chairman**

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja